1. Id-Direttur għar-Riżorsi Umani, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Economics Officer* fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' *Economics Officer* huwa ta' Skala ta' Salarju 10 (li fis-sena 2017 huwa ta' €18,218.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €20,665).

2.3 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* titla' fi Skala 9 (€19,411.02 x €447.33 - €22,095) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Economics Officer* fi Skala 8 (€20,710.02 x €486.83 - €23,631) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' *Economics Officer* jew tmien (8) snin jekk ikollha xi kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni xierqa u rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Senior Economics Officer* titla' fi Skala 7 (€22,134.98 x €531.17 - €25,322) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuna nnominata tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Unions* kompetenti.

Dmirijiet

3. Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal tal-Ekonomija fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tkun meħtieġa, *inter alia*, li tagħmel xogħol ta' riċerka, analiżi tal-ekonomija, u xogħol relatat ma' obbligazzjoni u rekwiżiti tal-UE, u li tiġbor statistika, rapporti ekonomiċi u dokumenti oħra. Persuna magħżula tista' tiġi assenjata dmirijiet oħra mis-Segretarju Permanenti (MSDEC), il-Kap tal-ARPA u/jew ir-rappreżentant/a/i tagħhom u tkun meħtieġa wkoll li taqdi

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Post of Economics Officer in the Agriculture and Rural Payments Agency in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director Human Resources, on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change invites applications for the post of Economics Officer in the Agriculture and Rural Payments Agency.

Terms and conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Economics Officer is Salary Scale 10 (which in the year 2017 is €18,218.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €20,665).

2.3 An Economics Officer will progress to Scale 9 (€19,411.02 x €447.33 - €22,095) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 An Economics Officer will be promoted to the grade of Senior Economics Officer in Scale 8 (€20,710.02 x €486.83 – €23,631) on completion of ten (10) years service in the grade of Economics Officer, or eight (8) years if in possession of a recognised and appropriate post-graduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Economics Officer will progress to Scale 7 (€22,134.98 x €531.17 – €25,322) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.5 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent Union.

Duties

3. An Economics Officer in the Agriculture and Rural Payments Agency will be required, inter alia, to undertake research work, perform economic analyses, and carry out work related to EU obligations and requirements, and to compile statistical data, economic reports and other documents. A selected applicant may be assigned other duties by the Permanent Secretary (MSDEC), the Head (ARPA) and/or their representative/s and will also be required to

dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża;

(iii) (a) fil-pussess ta' kwalifika *Bachelors* rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi

perform any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the English Language;

(iii) (a) in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard

mibdija minn Ottubru 2003) fl-Ekonomija, fl-Istatistika, fl-*Accountancy*, fil-Kummerċ, fil-Finanzi jew fil-*Banking,* jew kwalifika professjonali kumparabbli*;* jew

(b) fil-pussess ta' kwalifika *Bachelors* rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 *ECTS/ ECVET credits*, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi mibdija minn Ottubru 2003) fil-*Public Policy* jew fir-Relazzjonijiet Internazzjonali jew fl-Istudji Ewropej, jew kwalifika professjonali kumparabbli, basta jkunu kisbu *credits* fl-Ekonomija jew fil-Finanzi jew fl-Istatistika;

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 ECTS/ECVET *credits*, fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale*.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa ta' applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa ta' applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-

to programmes commencing as from October 2003) in Economics, Statistics, Accountancy, Commerce, Finance or Banking or a comparable professional qualification; or

(b) in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Public Policy or International Relations or European Studies, or a comparable professional qualification, provided that they have credits in Economics, Finance or Statistics.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Master's qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their

applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija (100) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin (50).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għar-Riżorsi Umani (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, it-3 ta' April, 2017. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;

qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is one hundred (100) and the pass mark is fifty (50)

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director Human Resources (Attn: Assistant Director, Human Resources) in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301, by not later than noon (Central European Time) of Monday, 3rd April, 2017. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;

proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz (https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat għar-Riżorsi Umani (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.environment.gov.mt) u (humanresources.msdec@gov.mt).

Is-17 ta' Marzu, 2017

the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division at the address https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx or may be obtained from the Human Resources Directorate (Assistant Director, Human Resources), Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.environment.gov.mt) and (humanresources.msdec@gov.mt).

17th March, 2017

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Pożizzjoni ta' *Senior Manager (Funds Unit)* fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għar-Riżorsi Umani, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Senior Manager (Funds Unit)* fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Tul tal-*assignment* u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' tliet (3) snin bħala *Senior Manager (Funds Unit)* fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Senior Manager (Funds Unit)* hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) ta' L.S. 452.81.

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Position of Senior Manager (Funds Unit) in the Fisheries and Aquaculture Department in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director Human Resources, on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change invites applications for the position of Senior Manager (Funds Unit) in the Fisheries and Aquaculture Department.

Duration of assignment and conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Senior Manager (Funds Unit) in the Fisheries and Aquaculture Department, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Senior Manager (Funds Unit) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Senior Manager (Funds Unit)* huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 5 (li fis-sena 2017 huwa ta' €25,379.98 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €640.67 sa massimu ta' €29,224).

Dmirijiet

4**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Senior Manager (Funds Unit)* jinkludu li:

(i) Tmexxi is-Sezzjoni tal-Fondi fid-Dipartiment, b'mod partikolari billi tipprovdi għall-immaniġġjar u l-implementazzjoni effettiva tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EMFF) f'Malta, u kif ukoll kwalunkwe programm/i u proġetti oħra li jistgħu jiġu assenjati;

(ii) Tikkordina u tagħmel monitoraġġ tal-esekuzzjoni kontinwa u l-progress ta' proġetti implimentati taħt l-EMFF, u proġetti oħra, billi tidentifika wkoll r-riskji u kwistjonijiet oħra ewlenin;

(iii) Titratta kwistjonijiet relatati ma' proġetti, każ b'każ, kif mitluba mid-Direttur;

(iv) Tipprovdi gwida u appoġġ lid-Dipartment tas-Sajd u l-Akkwakultura waqt li jkunu qed jiġu sottomessi l-proposti, sabiex tiffaċilita s-sottomissjoni ta' proposti ta' proġetti għall-iffinanzjar mill-UE skont l-iskadenzi tas-sejħa;

(v) Tikkollabora ma' partijiet interessati fl-livell orizzontali, partikolarment l-Awtorità ta' Immaniġjar tal-EMFF, il-*Line Ministry*, il-Ministeru tal-Finanzi, kif ukoll partijiet interessati relevanti oħra, fosthom sħab, applikanti potenzjali u benefiċjarji;

(vi) Taħdem mill-qrib, tistabbilixxi u żżomm relazzjonijiet effettivi biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati kollha;

(vii) Twettaq kontrolli fuq kampjuni ta' pagamenti, tissorvelja l-verifika f'waqtha tat-talbiet għall-ħlas relatati ma' proġetti kofinanzjati mill-UE, u tagħmel monitoraġġ tal-ħlasijiet;

(viii) Tiżgura t-twettiq immedjat ta' xogħlijiet assenjati lill-*EU Fund Managers*, *EU Fund Officers*, u kwalunkwe uffiċjal ieħor li jaħdmu fuq il-fondi tal-UE;

(ix) Tevalwa, tiddokumenta u tirrapporta r-riżultati;

(x) Tassisti lis-*senior management* fl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE u fil-proċessi ta' *change management* li jkunu meħtieġa;

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of Senior Manager (Funds Unit) is equivalent to Salary Scale 5 (which in the year 2017 is €25,379.98 per annum rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €29,224).

Duties

4. The duties of Senior Manager (Funds Unit) include:

(i) Heading the Funds Unit within the Department, in particular by providing the effective management and implementation of the European Maritime and Fisheries Fund (EMFF), as well as any other programme/s and projects that may be assigned;

(ii) Coordinating and monitoring the ongoing execution and progress of projects implemented under the EMFF, and other projects, identifying all important key risks and issues;

(iii) Dealing with projects' issues on a case by case basis as requested by the Director;

(iv) Provide guidance and support to the Department of Fisheries and Aquaculture at the moment of submission of proposals, to facilitate the submissions of project proposals for EU funding within the timeframe of the call;

(v) Liaising with horizontal stakeholders, particularly the Managing Authority for the EMFF, the Line Ministry, the Ministry for Finance and other relevant stakeholders, including partners, potential applicants and beneficiaries;

(vi) Working closely and establishing and maintaining effective relationships to meet the needs of all stakeholders;

(vii) Performing random sample checks of payments, overseeing the timely verification of EU co-funded project related claims for disbursement, and monitor disbursements of funds;

(viii) Ensuring timely execution of tasks by EU Fund Managers, EU Fund Officers and any other personnel dealing with EU funds;

(ix) Evaluating, documenting and reporting of results;

(x) Assisting senior management in the implementation of EU Funded Projects and with the change management processes resulting there from;

(xi) Tipprovdi tmexxija bħala parti mit-tim tas-*senior management* tad-Dipartiment;

(xii) Tipparteċipa f'laqgħat, konferenzi, seminars u attivitajiet oħra kemm f'Malta u kif ukoll barra;

(xiii) Twettaq dmirijiet oħra kif assenjati mis-Segretarju Permanenti (MSDEC), id-Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura) u/jew ir-rappreżentant/a/i tagħhom;

(xiv) Dmirjiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fi ħdan l-Aġenzija *Identity Malta* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet

(xi) Providing leadership as part of the Department's Senior management team;

(xii) Participating in meetings, conferences, seminars and other events in Malta and abroad;

(xiii) Any other duties as assigned by the Permanent Secretary (MSDEC), the Director General (Fisheries and Aquaculture) and/or their representative/s;

(xiv) Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment

fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. *Jobsplus* għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom kwalifika *Masters* rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 *ECTS/ECVET credits*, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi mibdija minn Ottubru 2008) f'qasam relevanti, jew kwalifika professjonali kumparabbli, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol relevanti, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management* komparabbli mal-livell ta' skala 8 jew ogħla fis-Servizz Pubbliku.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) Able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) In possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in a relevant area, or a comparable professional qualification, plus three (3) years relevant work experience of which one (1) year must be in a management position comparable to scale 8 level or higher in the Public Service.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija (100) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin (50).

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 5.1 sa 5.3 għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' c*urrciculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għar-Riżorsi Umani (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, it-3 ta' April, 2017. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz (https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat għar-Riżorsi Umani (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat riċeventi huma (http://www.environment.gov.mt) u (humanresources.msdec@gov.mt).

Is-17 ta' Marzu, 2017

Selection procedure

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is one hundred (100) and the pass mark is fifty (50).

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director Human Resources (Attn: Assistant Director, Human Resources) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301, by not later than noon (Central European Time) of Monday, 3rd April, 2017. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division at the address: (https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx) or may be obtained from the Human Resources Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources) at Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.environment.gov.mt) and (humanresources.msdec@gov.mt).

17th March, 2017

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Post ta' *Graduate Engineer (Electrical)/Junior Engineer (Electrical)/Engineer (Electrical)* fid-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex

(Skont l-HR Plan tal-Ministeru għas-sena 2017)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Graduate Engineer (Electrical)/Junior Engineer (Electrical), Engineer (Electrical)* fid-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' *Graduate Engineer (Electrical)* huwa ta' Skala ta' Salarju 10, jiġifieri €18,218.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €20,665.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' *Graduate Engineer (Electrical)* titla' għall-grad ta' *Junior Engineer (Electrical),* fi Skala ta' Salarju 9 (€19,411.02 x €447.33 - €22,095.00) wara li tkun kisbet il-*warrant* biex tippratika l-professjoni ta' *Engineer* u jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna magħżula li jkollha l-*warrant* biex tipprattika l-professjoni ta' *Engineer* tinħatar *Junior Engineer (Electrical)* fi Skala ta' Salarju 9 (€19,411.02 x €447.33 - €22,095.00), filwaqt li jekk il-persuna magħżula jkollha mill-inqas tliet (3) snin prattika professjonali wara li kisbet il-*warrant* tinħatar mill-ewwel *Engineer (Electrical)* fi Skala ta' Salarju 8 (€20,710.02 x €486.83 - €23,631.00).

2.5 Persuna fil-grad ta' *Junior Engineer (Electrical)* tiġi promossa għall-grad ta' *Engineer (Electrical)* fi Skala ta' Salarju 8 (€20,710.02 x €486.83 - €23,631.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad u jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Persuna fil-grad ta' *Engineer (Electrical)* fi Skala ta' Salarju 8, li jkollha miill-inqas tmien (8) snin ta' prattika professjonali fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku wara li tkun kisbet il-*warrant*, titla' għal Skala ta' Salarju 7 (€22,134.98 x €531.17 - €25,322.00) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, filwaqt li ż-żmien kwalifikanti ta' tmien (8) snin jitnaqqas għal sitt (6) snin fil-każ ta' *Engineers* li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

MINISTRY FOR GOZO

Post of Graduate Engineer (Electrical)/Junior Engineer (Electrical), Engineer (Electrical) in the Projects and Development Directorate within the Ministry for Gozo

(As per Ministry's HR Plan for the year 2017)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Gozo invites applications for the post of Graduate Engineer (Electrical)/ Junior Engineer (Electrical), Engineer (Electrical) in the Projects and Development Directorate within the Ministry for Gozo.

Terms and conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Graduate Engineer (Electrical) is Salary Scale 10, that is, €18,218.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €20,665.00.

2.3 A Graduate Engineer (Electrical) will progress to the grade of Junior Engineer (Electrical) in Salary Scale 9 (€19,411.02 x €447.33 - €22,095.00) upon having successfully obtained their professional warrant to practice as Engineer and subject to satisfactory performance.

2.4 A selected applicant in possession of a warrant to practice as Engineer will be appointed Junior Engineer (Electrical) in Salary Scale 9 (€19,411.02 x €447.33 - €22,095.00), provided that a new entrant into the class with at least three (3) years professional practice after obtaining warrant will enter directly as Engineer (Electrical) in Salary Scale 8 (€20,710.02 x €486.83 - €23,631.00).

2.5 A Junior Engineer (Electrical) will be promoted to the grade of Engineer (Electrical) in Salary Scale 8 (€20,710.02 x €486.83 - €23,631.00) on completion of two (2) years service in the grade and subject to satisfactory performance.

2.6 An Engineer (Electrical) in Salary Scale 8, with at least eight (8) years professional practice in the Public Service/Public Sector after obtaining warrant, shall progress to Salary Scale 7 (€22,134.98 x €531.17 - €25,322.00) subject to satisfactory performance, provided that the qualifying period of eight years (8) will be reduced to six (6) years in the case of Engineers in possession of an approved postgraduate qualification.

2.7 Persuna fil-grad ta' *Junior Engineer (Electrical)* fi Skala ta' Salarju 9 u persuna fil-grad ta' *Engineer (Electrical)* fi Skala ta' Salarju 8 tkun intitolata wkoll għal *Performance Bonus* sa massimu 15% tas-salarju bażiku tagħha, kif ukoll tingħata *market corrector* ta' €1,500 fis-sena. Persuna fil-grad ta' *Engineer (Electrical)* fi skala ta' Salarju 7 tkun intitolata wkoll għal *Performance Bonus* sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħha, kif ukoll tingħata *market corrector* ta' €2,500 fis-sena.

2.8 Il-persuna maħtura tkun intitolata wkoll għal benfiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra li jiġu stabbiliti bejn il-Gvern Malti u l-*union* kompetenti.

Dmirijiet

3**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Graduate Engineer (Electrical)/Junior Engineer (Electrical), Engineer (Electrical)* fid-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex jinkludu:

a. Il-preparazzjoni ta' *business plans* u programmi ta' xogħlijiet skont il-*policies* tad-Direttorat u f'konsultazzjoni mad-Direttur fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, l-implimentazzjoni ta' pjanijiet u programmi ta' xogħol u assigurazzjoni li x-xogħlijiet jitwettqu b'effiċjenza, kwalità u b'mod effettiv;

b. Assistenza lill-Inġinier Anzjan (Inġinerija Elettrika) u lid-Direttur Proġetti u Żvilupp kif ikun meħtieġ, inkluż it-tħejjija ta' rapporti, estimi, *tender specifications* u *adjudications* ta' offerti;

c. Analiżi ta' rapporti regolari ta' xogħlijiet bl-iskop li tiżdied l-effiċjenza u l-kwalità tax-xogħol;

d. Kordinazzjoni u tfassil ta' disinji dettaljati u *draft specifications* fuq xogħol konness ma' inġinerija elettrika, sorveljanza u ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet;

e. Eżami kontinwu ta' standards ta' disinn u l-assigurazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom fis-sezzjoni, ir-reviżjoni u l-monitoraġġ tal-adattabilità tagħhom fil-prattika;

f. Tagħmel *site visits* biex tingħata għajnuna teknika fid-disinn u l-implimentazzjoni ta' proġetti u superviżjoni ta' stallazzjonijiet;

g. L-istallazzjoni, tħaddim u manutenzjoni ta' sistemi elettriċi;

h. tassigura li t-tagħmir ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol ikun provdut, aċċessibbli u li jintuża mill-impjegati kollha u jiżgura li r-regolamenti u l-liġijiet tas-saħħa u sigurtà jkunu mħarsa mill-ħaddiema kollha;

2.7 A Junior Engineer (Electrical) in Salary Scale 9 and an Engineer (Electrical) in Salary Scale 8 will also be entitled to a Performance Bonus of up to a maximum of 15% of his/her basic salary per annum, together with a market corrector of €1,500 per annum. An Engineer (Electrical) in Scale 7 will be entitled to a Performance Bonus of up to a maximum of 15% of his/her basic salary, together with a market corrector of €2,500 per annum.

2.8 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent union.

Duties

3. The duties of Graduate Engineer (Electrical) /Junior Engineer (Electrical), Engineer (Electrical) in the Projects and Development Directorate within the Ministry for Gozo include:

a. Preparing Business plans and programmes of work in accordance with the policies of the Directorate and in liaison with the Director for Projects and Development, implementing plans and programmes and ensuring quality, effectiveness and efficiency in the execution of work;

